MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2011

Numru. 789/2011

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**
**VS**
**MARDES MERCHANT**

Il- Qorti

Rat l-imputazzjoniet migjuba kontra Mardes Merchant ta' 41 sena, bint Carmelo u Josephine nee Cassar, imwielda Floriana fit-22 ta' Lulju 1969, detentrici tal-karta ta'identita bin-numru 284169(M) u residenti gewwa Flt.2 Sunrise Court, Triq Tumas Gargola, Mosta.

Illi hija akkuzata talli nhar il- 5 ta' Novembru 2010, ghal habta tas-sitta u nofs ta' wara nofsinhar (18:30) bil-qerq halqet jew gieghlet jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu l-quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-

hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi iddenunzjat lill-Pulizija Esekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzai, ghamlet theddid serju bil-mezz ta' karta miktuba jew bil-fomm fil-konfront tal-kumpanija 'Medialive Casino', sew jekk b'mod anonimu, kemm jekk iffirmat bl-isem taghha jew b'isem mahluq.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u dak tal-imputata sabiex il-kaz jigi trattatt bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammisjoni ta'l-imputata;

Semghet il-konferma ta' l-ammisjoni ta' l-imputata wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli  ghall-ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni taghha il-Qorti issib lil-imputata Mardes Merchant hatja tat-tieni u t-tielet akkuza, mhux hatja tal-ewwel akkuza li minnha tilliberha, u wara li rat Artikoli 110 (2), 249(1), 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta, tikkundanna lill-imputata ghal-disa' xhur prigunerija sospizi ghal-sentejn.

Din il-piena qedgha tigi akkordata qara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fedina

penali nadifa netta tal-imputata u is-serjeta tat-theddida maghmula mill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------